# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. MHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D. LL.M. (IMLI)

**Seduta ta' Nhar il-Gimgha 26 ta' Frar 2016**

**Rikors Numru : 49/2016 JPG**

**Kawza Numru : 17**

**Fl-atti tar-rikors maħluf bin-numru 1026/2013 JPG fl-ismijiet:**

**DIS Combined Industries Limited**

**Vs.**

**Palm City Limited**

**u wara l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1679/2013 fl-ismijiet:**

**Palm City Limited**

**Vs.**

**DIS Combined Industries Limited**

**Il-Qorti ,**

Rat ir-rikors ta' l-attriċi rikonvenzjonata DIS Combined Industries Limited [C34113] tal-20 ta' Jannar 2016 li jaqra hekk:

*"Illi permezz tar-rikonvenzjoni minnha proposta fil-kawża odjerna, il-konvenuta qiegħda titlob riżarċiment ta' danni allegatament subiti minnha bi ħtija ta' l-esponenti,*

*kif ukoll penali. In kawtela tal-pretensjoni tagħha, il-konvenuta talbet u otteniet l-ispedizzjoni ta' mandat ta' sekwestru bin-numru 1679/2013 fl-ismijiet "Palm City Limited vs. DIS Combined Industries Limited", u dan fl-ammont ta' €250,000 rappreżentanti "Danni kawżati mis-soċjeta' sekwestrata lis-soċjeta' sekwestranti konsegwenza tal-inadempjenza tagħha rigwardanti l-obbligi kuntrattwali tagħha, liema ammont fuq indikat qed jiġi indikat biss għal finijiet tal-mandat odjern u liema pretensjoni ser tiġi dedotta skond il-liġi fid-debita talba/talbiet u/jew rikonvenzjoni/rikonvenzjonijiet. B'riżerva għal kull dritt spettanti lis-soċjeta' sekwestranti għall-ħlas ta' danni f'ammonti ulterjuri li jistgħu jiġu likwidati mill-Qorti kompetenti skond il-liġi". Kopja ta' l-imsemmi mandat qed tiġi annessa mal-preżenti u mmarkata "SEK".*

*Illi fost is-sekwestratarji notifikati bl-istess mandat, hemm ukoll "Transport Malta (liema sekwestratarju għandu wkoll, tramite d-Director, Vehicles Licensing and Testing Directorate, jżomm għandu bħala sekwestrat kull liċenzja u kull log book ta' kull vettura u mutur maħruġa minnu a favur tas-sekwestrati, u b'dana ukoll li m'għandux joħroġ liċenzji ġodda jew substitute log books għal dak li għandu x'jaqsam ma dawk id-dokumenti milquta b'dan il-mandat)".*

*Illi l-esponenti umilment tirrileva illi l-ordni mitlub mill-konvenuta u konsegwentement magħmul fil-konfront ta' l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta (ossia "Transport Malta") sabiex "jżomm għandu bħala sekwestrat kull liċenzja u kull log book ta' kull vettura u mutur maħruġa minnu a favur tas-sekwestrati, u b'dana ukoll li m'għandux joħroġ liċenzji ġodda jew substitute log books għal dak li għandu x'jaqsam ma dawk id-dokumenti milquta b'dan il-mandat" jeżorbita kompletament mill-iskop ta' mandat ta' sekwestru, liema skop jikkonsisti fil-ħolqien ta' obbligu fuq terzi li ma jikkonsenjawx ħwejjeġ mobbli lid-debitur, jew allegat debitur. L-ordni fuq imsemmi qiegħed iwassal biex l-esponenti ma tkunx tista' ġġedded il-liċenzji tal-vetturi tagħha, bil-konsegwenza li hija mhux qed tkun tista' tottempora ruħha mal-liġi.*

*Illi punt simili kien hekk deċiż fis-7 t'April 2009 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili per Imħallef Dr. Joseph R. Micallef fil-proċediment* ***Jimcam Enterprises Ltd vs. Charles Zammit et*** *(Rikors Numru 146/2009):*

*Illi fil-każ tal-lum ukoll, ir-rikorrent eżekutat jisħaq li kreditur tiegħu ma jistax jaqbad it-tiġdid ta' liċenza bis-saħħa ta' Mandat ta' Sekwestru għaliex il-ħruġ (jew tiġdid) ta' liċenza huwa obbligu imqiegħed fuq kull sid ta' karozza imqar dan jiddeċiedi li ma jsuqhiex. Min-naħa tagħha, l-eżekutanti Jimcam Enterprises tgħid li t-talba tagħha lid-Direttur tad-dipartiment tal-ħruġ u t-tiġdid ta' liċenzi biex ma jġeddidx il-liċenza tal-vetturi msemmija fil-Mandat taqa' sewwasew fis-setgħat u l-għanijiet li għalihom jista' jintalab il-ħruġ ta' Mandat bħal dak;*

*Illi fil-każ li għandna quddiemna, id-Direttur sekwestratarju kien iddikjara li huwa ma kellux assi jew flus appartenenti lis-sekwestrati (fosthom ir-rikorrent Evan Mamo). Iżda kien żied jiddikjara li kien fi ħsiebu jwettaq "l-miżuri ristrettivi" mitluba minn Jimcam fl-istess Mandat. Dawn il-miżuri kienu jikkonsistu (a) fiż-żamma ta' trasferimenti tal-vetturi favur terzi, (b) fiż-żamma milli jipproċessa d-dokumenti għar-rigward tat-titolu ta' kull vettura, u (ċ) bħala parti minn din it-tieni talba, iż-żamma milli jġedded il-liċenza ta' kull waħda mill-vetturi msemmijin. Ir-rikorrent jikkontesta biss din it-tielet talba tal-eżekutanti (u b'xi mod ukoll it-tieni waħda safejn tirrigwarda t-tiġdid tal-liċenza). Iżda l-eżekutanti tisħaq li din il-miżura tgħinha biex tiżgura li l-karozza ma tinsaqx u b'hekk ma titgħarraqx sakemm titlob (jekk se' jkollha tasal s'hemm) il-bejgħ tagħha b'subbasta;*

*Illi l-Qorti jidhrilha li r-Rikorrent għandu raġun. Dak li talbet l-eżekutanti ma jidhirx li jaqa' fil-parametri tal-għanijiet li għalihom kreditur jitlob il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru. Għall-kuntrarju, jgħin biss biex inaqqas il-valur tal-vettura milquta għaliex ftit huma dawk li jagħżlu li jixtru vettura li m'hijiex liċenzjata. Minbarra dan, jekk l-*

> *eżekutanti taħseb li vettura mhux liċenzjata tfisser vettura li ma tinsaqx, x'aktarx li hija maqtugħa sewwa minn dak li jseħħ fir-rejalta'. Jiġifieri, jekk id-debitur ifettillu jgħarraq il-vettura bla ma jsuqha, ma jgħin xejn lill-eżekutanti li żżomm it-tiġdid tal-liċenza tagħha;*
>
> *Illi l-Qorti iżjed taħseb li din it-tielet talba tal-eżekutanti hija mossa biex tross lid-debitur ħalli jħallas dejnu. Imma l-ħruġ ta' Mandat ma għandux jitħalla jservi għan bħal dan, għaliex tifhem li l-ħruġ ta' Mandat eżekutiv għandu jkollu l-għan fih innifsu u mhux illi jservi bħala mezz biex jintlaħaq għan ieħor. Kemm hu hekk, l-eżekutanti intimata għandha, jekk trid, atti eżekutivi oħrajn maħsubin fis-sistema proċedurali tagħna li tista' tinqeda bihom direttament jekk tassew trid li l-vettura tinżamm taħt għassa jew kura li jiggarantixxu li ma titgħarraqx sakemm (jew jekk) ikollha tgħaddi għall-bejgħ tagħha b'irkant taħt l-awtorita' tal-Qorti;*

*Illi l-mandat imsemmi fil-każ fuq ċitat kien wieħed eżekuttiv, u hija l-umli fehma ta' l-esponenti illi l-konsiderazzjonijiet fuq kaptati japplikaw a fortiori fil-każ ta' mandat li jkun kawtelatorju, u li għalhekk jippreċedi d-definizzjoni tar-rapport ġuridiku tal-kontendenti mill-qrati.*

*Illi anke fil-każ odjern, bil-fatt illi l-konvenuta żżomm lill-esponenti milli ġġedded il-liċenzi tal-vetturi tagħha ma hija qed tiggwadanja ebda utilita' u ebda kawtela. L-impediment li l-esponenti ma taljenax il-vetturi tagħha lil terzi huwa kompjut bis-sempliċi notifika ta' l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta, mingħajr il-ħtieġa ta' ordnijiet ulterjuri bħal dawk in diżamina. Min-naħa l-oħra, l-ordni mpunjat permezz tal-preżenti istanza qed jirreka danni lill-esponenti li m'humiex neċessarji għal finijiet ta' kawtela da parti tal-konvenuta.*

*Illi għalhekk hemm lok għar-revoka in parte tal-mandat ta' sekwestru in kwistjoni, u dan a tenur ta' l-Artikolu 836(1)(b) u,jew (f) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.*

*Għaldaqstant l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogħġobha tirrevoka in parte l-mandat ta' sekwestru bin-numru 1679/2013 fl-ismijiet "Palm City Limited vs. DIS Combined Industries Limited" u dan billi tħassar għal kollox l-ordni mpost fuq l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta (ossia "Transport Malta") biex "tramite d-Director, Vehicles Licensing and Testing Directorate, jżomm għandu bħala sekwestrat kull liċenzja u kull log book ta' kull vettura u mutur maħruġa minnu a favur tas-sekwestrati, u b'dana ukoll li m'għandux joħroġ liċenzji ġodda jew substitute log books għal dak li għandu x'jaqsam ma dawk id-dokumenti milquta b'dan il-mandat)", u dan previa kull provvediment ieħor li jkun jidhrilha opportun.*

*Bl-ispejjeż kontra l-konvenuta."*

Rat id-digriet taghha tal-25 ta' Jannar 2016 li bih appuntat ir-rikors ghas-smiegh ghall-4 ta' Frar 2016 fis-12:45pm;

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u l-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta' ta' Palm City Limited (C34113) tas-27 ta' Jannar 2016 (a fol. 9 et seq) li taqra hekk:

*"Illi din hija r-risposta tas-socjeta' esponenti ghar-rikors ta' DIS Combined Industries Limited (C45250) pprezentat fl-20 ta' Jannar 2016 fl-atti hawn fuq imsemmija.*

*Illi hekk kif jirrizulta mill-imsemmi rikors tal-20 ta' Jannar 2016 is-socjeta' hemm rikorrenti qed titlob li dina l-Onorabbli Qorti joghogobha tirrevoka in parte l-mandat ta' sekwestru precitat billi thassar ghal kollox l-ordni impost fuq l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (ossia Transport Malta) biex, "tramite d-Director, Vehicles Licencing and Testing Directorate, jzomm ghandu bhala sekwestrat kull licenzja u kull log book ta' kull vettura u mutur mahruga minnu a favur tas-sekwestrati, u b'dana ukoll li*

*m'ghandux johrog licenzji godda jew substitute log books ghal dak li ghandu x'jaqsam ma dawk id-dokumenti milquta b'dan il-mandat".*

*Illi s-socjeta' esponenti toggezzjona bil-qawwa kollha ghal din it-talba kontenuta fil-precitat rikors tal-20 ta' Jannar 2016, u dana ghar-ragunijiet hawn isfel indikati.*

*L-ewwel pero' jkun utili li ssir referenza ghas-segwenti provvedimenti legali tal- tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta) li jirregolaw l-iskop u l-effetti ta' mandati kawtelatorji:*

> *829. Kull persuna tista', minghajr ma hu mehtieg li qabel ikun hemm decizjoni, tqieghed fiz-zgur il-jeddijiet taghha bil-mezz ta' wiehed jew izjed mill-atti kawtelatorji hawn taht imsemmija, illi, wara li jigu mharsa minn dik il-persuna l-kondizzjonijiet li jrid dan il-Kodici, jigu mahruga u esegwiti taht ir-responsabbiltà taghha.*
>
> *849. L-effetti tas-sekwestru kawtelatorju huma l-istess bhal dawk tas-sekwestru esekuttiv, u d-disposizzjonijiet tal-artikoli mit- 375 sat-383 inkluzivament, u tal-artikoli 842, 843, 844, 846 u 848 jghoddu ghal dan il-mandat: Izda meta s-sekwestrarju huwa bank,…"*
>
> *375. Meta kreditur bis-sahha ta' sentenza jew titolu esekuttiv iehor, sabiex jithallas tal-kreditu tieghu, ikun irid izomm li ma jghaddux f'idejn id-debitur tieghu, flus jew haga mobbli li jkunu jinsabu f'idejn haddiehor, jista' jaghmel dan bil-mezz ta' mandat ta' sekwestru.*
>
> *378. Sekwestratarju li, ghalkemm ikun fil-pussess ta' flus jew hwejjeg ohra, ta' proprjetà tad-debitur, jew dovuti lid-debitur, li setghu gew issekwestrati bil-mandat, u li ma jaghmilx id-depozitu msemmi fl-artikolu 376 fi zmien il-perjodu hemm stipulat, ikun responsabbli ghad-danni u l-imghax favur il-kreditur u l-qorti tista', wara rikors maghmul ghal dak il-ghan mill-kreditur, tohrog dawk l-ordinijiet li jistghu jkunu mehtiega, inkluz l-arrest personali tal-persuna ghal perjodu li ma jaqbizx it-tliet xhur, biex iggieghlu jiddepozita dawk il-beni: Izda meta s-sekwestratarju jkun Bank, …"*

*Illi l-precitat artikolu 375 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili huwa car daqs kristal meta jghid li:*

> *"Meta kreditur bis-sahha ta' sentenza jew titolu esekuttiv iehor, sabiex jithallas tal-kreditu tieghu, ikun irid izomm li ma jghaddux f'idejn id-debitur tieghu, flus* ***jew haga mobbli*** *(emfazi tal-esponenti) li jkunu jinsabu f'idejn haddiehor, jista' jaghmel dan bil-mezz ta' mandat ta' sekwestru".*

*Daqstant car huwa l-artikolu 382 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jipprovdi dwar l-unici cirkostanzi fejn assi ta' debitur ma jistghux jigu sekwestrati... u bir-rispett kollu dan l-elenku ta' eccezzjonijiet, la l-legislatur nostrali ghoggbu jipprovdi ghalihom, ghandu jigi interpretat bl-aktar mod ristrett u ad verbatim minn dina l-Onorabbli Qorti, wara kollox* ***ubi lex voluit dixit, ubi noluit tacuit****.*

*Illi l-artikolu 7 tar-Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur (L.S.368.02 tal-Ligijiet ta' Malta) jipprovdi:*

> *7. (1) Meta tirregistra vettura bil-mutur, l-Awtorità ghandha tohrog lis-sid certifikat ta' registrazzjoni bid-dettalji tal-vettura f'konformità mad-Direttiva 1999/37/KE, kif emendata, dwar iddokumenti ta' registrazzjoni ghall-vetturi.*
>
> *(2) Meta s-sid tal-vettura bil-mutur jigi moghti c-certifikat ta' registrazzjoni, is-sid ghandu jara li dak id-dokument jinzamm f'kull hin f'dik il-vettura waqt li tkun qed tintuza fit-triq la darba dik il-vettura tkun giet registrata skont dawn ir-regolamenti.*

*Illi l-artikolu 11 tal-istess Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur jipprovdi:*

> *11. Meta jkun hemm tibdil fl-isem u fil-kunjom u fl-indirizz ta' residenza, is-sid ta' vettura bil-mutur ghandu minnufih jinforma lill-Awtorità u ghandu jghaddilha c-certifikat ta' registrazzjoni tal-vettura biex isir it-tibdil mehtieg fih…."*

*Illi minn dawn il-provvedimenti johrog car illi c-certifikat ta' registrazzjoni tal-vettura (maghruf bhala l-"log book") huwa dak li jissejjah bl-ingliz "document of title" u ghalhekk haga li fiha nnifisha ghandha valur u del resto ukoll hija haga mobbli.*

*Illi meta l-precitati provvedimenti jigu analizzati flimkien, jirrizulta ben car (fl-umli fhema tas-socjeta' esponenti) li s-sekwestratarju (f'dan il-kaz l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (ossia Transport Malta) tramite d-Director, Vehicles Licencing and Testing Directorate) huwa tenut li malli jigi f'idejh certifikat ta' registrazzjoni tal-vettura ossia l-"log book" ta' vettura registrata f'idejn debitur li fir-rigward tieghu hu (id-Director, Vehicles Licencing and Testing Directorate tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (ossia Transport Malta)) jkun gie servut bhala sekwestratarju b'mandat ta' sekwestru u ghandu minnufieh jzomm ghandu dik ic-certifikat ta' registrazzjoni tal-vettura ossia log book" bhala sekwestrata a tenur tal-ordni moghtija mill-Qorti li harget il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni (f'dan il-kaz dina l-Onorabbli Qorti) u din eventwalment ghandha tigi depozitata taht l-awtorita' tal-Qorti skond il-ligi.*

*Daqstant iehor l-artikolu 13 tal-imsemmija Regolamenti dwar ir-Registrazzjoni u l-Licenzjar ta' Vetturi bil-Mutur jipprovdi:*

> *13. (1) Ghandu jithallas dritt tal-licenza ghac-cirkolazzjoni meta tinhareg licenza lil vettura bil-mutur registrata tagt dawn irregolamenti u ghandu jithallas dritt tal-permess ghac-cirkolazzjoni fir-rigward ta' vetturi li jingiebu Malta minn Stati Membri ohra taht kuntratt ta' lease jew kiri registrati skont l-Att: Izda vettura registrata f'pajjiz iehor tista' tkun fit-triq, kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuza, ghal perjodu li ma jkunx aktar minn tletin jum kalendarji konsekuttivi li jibdew jghoddu mid-data li fiha l-vettura tasal Malta bil-kundizzjoni li lvettura turi diska ta' licenza temporanja valida mahruga millAwtorità skont ir-regolament 6A(3).*
>
> *(2) L-ebda vettura bil-mutur ma tista' tkun fit-triq, kemm jekk ipparkjata kemm jekk qed tintuza, minghajr licenza ghac- cirkolazzjoni valida, jew permess ghac-cirkolazzjoni validu jew diska ta' licenza temporanja valida, skont ma jkun applikabbli, mahruga mill-Awtorità sakemm il-vettura bil-mutur ma tkunx*

> *ezenti taht id-dispozizzjonijiet tal-Att. Kap. 104. (3) Vettura bil-mutur ghandha biss tinghata licenza millAwtorità biex tintuza fit-triq jekk dik il-vettura tkun koperta b'certifikat ta' registrazzjoni u polza ta' assigurazzjoni fir-rigward ta' riskji ta' terzi persuni f'konformità mal-htigiet tal-Ordinanza dwar l-Assigurazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur ghar-Riskji ta' Terzi Persuni.*

*Illi bl-istess mod fuq imsemmi, meta l-precitati provvedimenti jigu analizzati flimkien, jirrizulta ben car (fl-umli fhema tas-socjeta' esponenti) li s-sekwestratarju (f'dan il-kaz l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (ossia Transport Malta) tramite d-Director, Vehicles Licencing and Testing Directorate) huwa tenut li malli jigi f'idejh licenza ghac-cirkolazzjoni ta' vettura registrata f'idejn debitur li fir-rigward tieghu hu (id-Director, Vehicles Licencing and Testing Directorate tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (ossia Transport Malta)) jkun gie servut bhala sekwestratarju b'mandat ta' sekwestru hu ghandu minnufieh jzomm ghandu dik il-licenza ghac-cirkolazzjoni bhala sekwestrata a tenur tal-ordni moghtija mill-Qorti li harget il-mandat ta' sekwestru in kwistjoni (f'dan il-kaz dina l-Onorabbli Qorti) u din eventwalment ghandha tigi depozitata taht l-awtorita' tal-Qorti skond il-ligi.*

*Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, anke fl-aghar ipotesi, malli persuna indikata bhala sekwestratarju tigi fil-pussess ta' oggett – anke ta' dokument – li tkun proprejeta' tad-debitur hi tkun tenuta li zzomm ghandha tali oggett skond l-ordni tas-sekwestru u tiddepozitaha taht l-awtorita' tal-Qorti koncernata entro t-terminu stabbilit mill-ligi.*

*Illi in sostenn tat-talba taghha ghar-revoka parzjali tal-mandat ta' sekwestru precitat is-socjeta' hemm rikorrenti qed ticcita l-artikoli 836(1)(b) u, jew (f) tal-kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili.*

*Jinghad minghajr tlaqliq li l-ebda wahda minn dawk iz-zewg cirkostanzi ma tikkonkorri. Forsi ghalhekk ma elaborax dwarhom il-kunpannija sekwestrata.*

*Mill-mandat ta' sekwestru nnifsu jirrizulta bl-aktar mod car li l-htigiet tal-ligi kollha ghall-hrug tal-att kawtelatorju (il-mandat ta' sekwestru precitat) fil-fatt gew kollha sodisfatti.*

*Oltre dan, **ma intwerietx** (emfazi tas-socjeta' esponenti) mis-socjeta' sekwestrata DIS Combined Industries Limited cirkostanzi l-ghaliex ma jkunx ragonevoli li jinżamm fis-sehh fir-rigward tas-sekwestrarju d-Director, Vehicles Licencing and Testing Directorate tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta (ossia Transport Malta) ghaliex mhuwiex aktar mehtieg jew gustifikabbli li jibqa' fis-sehh fir-rigward ta' l-istess Direttur.*

*Illi dan kollu premess jsir referenza ghad-decizjoni moghtija minn dina l-Onorabbli Qorti fit-30 ta' Mejju 2001 fl-atti tar-rikors 323/01GV fl-ismijiet "HSBC Bank Malta p.l.c. vs Anthony Spiteri u Josette Spiteri" fejn gie appuntu deciz hekk:*

> *"Illi d-Direttur ma johrogx biss il-licenzja fir-rigward ta' vetturi imma jzomm ukoll registru ta' l-ownership tal-vettura u a bazi tieghu hu johrog il-log book li hu "document of title". Illi meta dan id-"dokument of title" jigi f'idejn id-Direttur hu obbligat meta jircievi sekwestru li jzomm dana d-dokument li hu t-titolu tal-proprjeta' mobbli u li ma jirrilaxxjahiex qabel ma jircievi ordni ohra mill-Qorti.*
>
> *Lanqas ma jirrizulta li l-mobbli in kwistjoni hu ezentat taht l-artikolu 382 tal-Kap 12."*

*Illi jekk l-effett ta' dan kollu hu, kif qed tilmenta s-socjeta' DIS Combined Industries Limited, li hi ma tistax iggedded il-licenzja ta' xi vettura taghha, allura hi trid toqghod ghal din il-konsegwenza u tirrealizza li jekk tali licenzja fil-fatt tigi mgedda allura din, flok tinghata lil DIS Combined Industries Limited tispicca depozitata fir-registru ta' dina l-Onorabbli Qorti a tenur tal-ordni moghtija minn dina l-istess Onorabbli Qorti fuq il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju precitat.*

*Ghaldaqstant dina l-Onorabbli Qorti ghandha tichad ir-rikors precitat ta' DIS Combined Industries Limited tal-20 ta' Jannar 2016.*

*Bl-ispejjez."*

Rat in-nota ta'Palm City Limited tal-5 ta' Frar 2016 ;

Rat id–dokumenti ezebiti u l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet;

**Ikkonsidrat:**

It-talba odjerna tirrigwarda talba ghar-revoka parzjali tal-mandat kawtelatorju 1679/2013 fis-sens li dak li qieghed jintalab huwa revoka tal-projbizzjoni tad-Direttur tal-Licenzji fi hdan Trasport Malta, ghat-tigdid tal-licenzji tal-vetturi tas-socjeta' intimata.

Il-Qorti rat u ezaminat il-provi dokumentari prodotti.

Il-Qorti taghmel referenza ghall-insenjament moghti mill-Imhallef Dr. J. R. Micallef **Jimcam Enterprises Ltd vs. Charles Zammit et** (Rikors Numru 146/2009) fejn gew trattati fatti kwazi identici ghal kaz li din il-Qorti ghandha quddiemha:

> ***"Illi l-Qorti jidhrilha li r-Rikorrent għandu raġun. Dak li talbet l-eżekutanti ma jidhirx li jaqa' fil-parametri tal-għanijiet li għalihom kreditur jitlob il-ħruġ ta' Mandat ta' Sekwestru. Għall-kuntrarju, jgħin biss biex inaqqas il-valur tal-vettura milquta għaliex ftit huma dawk li jagħżlu li jixtru vettura li m'hijiex liċenzjata. Minbarra dan, jekk l-eżekutanti taħseb li vettura mhux liċenzjata tfisser vettura li ma tinsaqx, x'aktarx li hija maqtugħa sewwa minn dak li jseħħ fir-rejalta'. Jiġifieri, jekk id-debitur ifettillu jgħarraq il-vettura bla ma jsuqha, ma jgħin xejn lill-eżekutanti li żżomm it-tiġdid tal-liċenza tagħha;***

> ***Illi l-Qorti iżjed taħseb li din it-tielet talba tal-eżekutanti hija mossa biex tross lid-debitur ħalli jħallas dejnu. Imma l-ħruġ ta' Mandat ma għandux jitħalla jservi għan bħal dan, għaliex tifhem li l-ħruġ ta' Mandat eżekutiv għandu jkollu l-għan fih innifsu u mhux illi jservi bħala mezz biex jintlaħaq għan ieħor. Kemm hu hekk, l-eżekutanti intimata għandha, jekk trid, atti eżekutivi oħrajn maħsubin fis-sistema proċedurali tagħna li tista' tinqeda bihom direttament jekk tassew trid li l-vettura tinżamm taħt għassa jew kura li jiggarantixxu li ma titgħarraqx sakemm (jew jekk) ikollha tgħaddi għall-bejgħ tagħha b'irkant taħt l-awtorita' tal-Qorti***;"

Il-Qorti tqis illi dik il-parti tal-mandat li tipprojbixxi lis-socjeta' intimata milli tigdid regolari tal-licenzji tal-vetturi taghha m'hijiex mizura ragonevoli li ghandha tibqa' fis-sehh ai termini tal-Artikolu 836(1)(f) tal-Kapitolu 12.

Dan l-Artikolu jiddisponi:

> ***"(f) jekk jintwera li fiċ-ċirkostanzi ma jkunx raġonevoli li jinżamm fis-seħħ l-att kawtelatorju jew parti minnu jew li dan l-att jew parti minnu mhuwiex aktar meħtieġ jew ġustifikabbli."***

Kif ritenut fil-gurisprudenza fuq citata li tghodd ferm aktar meta wiehed jaghraf illi dak l-insenjament gie moghti b'referenza ghal mandat ezekuttiv fejn il-vertenza tkun deciza finalment. Fil-kaz in ezami il-mandat li qed jigi mpunjat parzjalment huwa wiehed kawtelatorju, fejn allura l-Qorti trid toqghod aktar attenta sabiex tohloq dak il-bilanc meqjus bejn d-drittijiet tal-kontendenti.

Il-Qorti rat ukoll in-nota ta' Palm City Limited tal-5 ta' Frar 2016 (a fol. 26) li permezz taghha is-socjeta' Palm City Limited iddikjarat li ma kellhiex oggezzjoni li d-Direttur fi hdan il-*Vehicles Licencing and Testing Directorate* – Awtorita' ghat-Trasport f'Malta jibqa' jgedded il-licenzji tal-vetturi li jappartjenu lis-socjeta' intimata minn sena ghal

sena minghajr ma jghaddi biex jiddeposita il-licenzji l-godda taht l-Awtorita' ta' din il-Qorti, u ghalhekk jikkonsenja kull licenzja imgedda lill-istess socjeta intimata bl-ghan li tkun tista' tibqa' taghmel uzu mill-vetturi taghha. Il-Mandat 1679/2013 ghandu jibqa' ferm pero ghar-rigward ta' trasferimenti prospettivi ta' kull vettura li tappartieni lis-socjeta' intimata.

Ghaldaqstant filwaqt illi l-Qorti tqis illi m'huwiex gustifikat iz-zamma mit-tigdid tal-licenzji ta' vetturi u muturi tas-socjeta' intimata, l-*log* book li jirraprezenta t-*title of ownership* ghandu jibqa' f'idejn id-Direttur tal-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta in kawtela tad-drittijiet tas-socjeta' rikorrenti skond is-sekwestru kawtelatorju indikat.

**Ghal dawn il-mottivi, l-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' limitatament t-talba tar-rikorrenti DIS Combined Industries Limited u tirrevoka in parte l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1679/2013 fl-ismijiet "Palm City Limited vs. DIS Combined Industries Limited" u dan billi tħassar l-ordni mpost fuq l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta (ossia "Transport Malta") biex tramite d-Director, Vehicles Licensing and Testing Directorate, jżomm għandu bħala sekwestrat kull liċenzja ta' kull vettura u mutur maħruġa minnu a favur tas-sekwestrati, b'dana li għandu joħroġ tigdid regolari tal-liċenzji tal-vetturi u muturi appartenenti lis-socjeta' intimata; jghaddi tali licenzji f'idejn l-istess socjeta' intimata; johrog dokumenti jew certifikati li waqt li jissodisfaw l-htigijiet tal-Ligi tal-Pulizija u Kapitolu 65 u LS 368.02 ma jkunux kapaci li jitrasferixxi t-titolu fuq l-istess vetturi lil terzi. Fil-bqija thalli fis-sehh l-istess mandat ta' sekwestru kawtelatorju bin-numru 1679/2013.**

**Tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur (Vehicles Licensing and Testing Directorate) ghall-Awtorita' għat-Trasport f'Malta.**

**Fic-cirkostanzi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**

**Deputat Registratur**